Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 69/2007/1

Kevin Zammit

Vs

Dr. Angele Formosa ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-imsiefrin Noel Camilleri u Suzanne Zammit

Il-Qorti,

**Interess Guridiku – Cessjoni ta' jeddijiet – Htiega ta' notifika ta' cessjoni permezz ta' att gudizzjarju – Accettazzjoni ta' cessjoni - Artikoli 1471 u 1472 tal-Kodici Civili (Kap. 16).**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-30 ta' Gunju 2007. Permezz ta' dawn il-proceduri l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti biex jitrasferixxu l-proprjeta' tal-appartament numru tmienja (8) fit-tieni sular maghruf bl-isem Theozeldo, Triq in-Nahla, Marsalforn,

limiti Zebbug, Ghawdex u dan skond l-obbligazzjoni li assumew permezz ta' konvenju li gie ffirmat fil-31 ta' Awwissu 2006.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenuti fit-3 ta' Lulju 2007 (fol. 8) fejn b'mod preliminari ppremettew li l-attur ma ghandux interess guridiku rikjest mil-ligi stante illi huwa issostitwixxa id-drittijiet tieghu fil-konvenju almenu in kwantu ghan-nofs lil terzi persuni.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni.
Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh tal-fond flat numru tmienja (8), tieni sular maghruf bl-isem ta' Theozeldo, Triq in-Nahla, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

(a) Fil-31 ta' Awwissu 2006 gie ffirmat konvenju li permezz tieghu l-konvenuti obbligaw ruhhom li jbieghu lill-attur li min-naha tieghu obbliga ruhu li jixtri, il-fond numru tmienja (8), tieni sular maghruf bl-isem ta' Theozeldo, Triq in-Nahla, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex (fol. 18). Fil-konvenju l-attur inghata d-dritt li *"...jissostitwixxi lilu nifsu b'terzi persuni fuq il-kuntratt finali in parti jew fl-intier"* (fol. 19). Il-kuntratt finali kellu jsir sa mhux iktar tard mill-31 ta' Mejju 2007. Konvenju li gie registrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fl-20 ta' Settembru 2006 (fol. 26);
(b) Fil-5 ta' Settembru 2006 l-attur (identifikat bhala l-Ewwel Parti) ghamel ftehim ma' Philip u Josephine Micallef (identifikat bhala t-Tieni Parti) li permezz tieghu *"...qed iccedi hamsin fil-mija (50%) cioe' nofs (1/2) indiviz a favur tat-Tieni Parti mid-drittijiet taghha kollha fuq il-flat internament immarkat bin-numru tmienja (8) li jinsab fis-second floor level ta' blokk ta' partamenti esternament bla*

*numru u maghruf bl-isem Thezeldo, fi Triq in-Nahla, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex”* (fol. 16). Fil-ftehim jinghad ukoll li, *“Il-kuntratt finali bejn ic-cessjonarju u cioe l-Ewwel Parti u l-akkwirenti jigifieri t-Tieni Parti sa mhux aktar tard mill-wiehed u tletin ta’ Mejju tas-sena elfejn u sebgha (31-05-2007) sabiex il-kuntratt finali jsir mill-ewwel mal-vendituri originali sabiex l-Ewwel Parti ma tehhilx spejjez zejda”* (fol. 17).

(c) Sussegwentement l-attur iffirma ftehim ma’ Joseph Vassallo u Maria Dolores Vassallo (li deher ghalihom Anthony Attard) (fol. 67) li permezz tiegu ceda ***“d-drittijiet tieghu ta’ xiri fuq konvenju li sar quddiem in-Nutara Maria Vella Magro fil-wiehed u tletin (31) ta’ Awwissu, elfejn u sitta (2006) minghnd il-vendituri Noel Camilleri u Suzanne Zammit (I.D. Nos 877(g) u 770(G) tal-flat numru tmienja (8), li jgib l-isem ‘Thezaldo’, Triq in-Nahla, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex. Liema konvenju gie registrat mal-Inland Revenue Department bin-numru: PS200607385”***. Ftehim li gie registrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fis-16 ta’ April 2007. Skond ix-xhieda tan-nutar Josianne Mifsud: *“**qeghda nikkonferma illi c-cessjoni saret f’Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006)**. Fid-dokument JM1 hemm id-data, llum tnejn (2) ta’ april elfejn u sebgha (2007). Din id-data nizziltha fuq inizjattiva personali tieghi minghajr ma ghidt lill-partijiet u dan ghamiltu hekk ghaliex l-iskrittura peress li ma gietx registrata mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fi zmien stipulat mill-Ligi mid-data li giet iffirmata, skond il-ligi titlef l-effett taghha. Jiena kont ippruvajt li nerga’ nlaqqa’ l-partijiet biex jiffirmaw skrittura gdida, pruvajt nikkomunika ma’ Kevin Zammit, pero’ ma rnexxilix. Il-flus imma li kelli bzonn biex tigi registrata din l-iskrittura kien gabhomli Kevin Zammit. Kien gabhomli f’April, two thousand and seven (2007). Il-flus li gabli Kevin Zammit huma fl-ammont ta’ sebghin (70) lira li jiena hallast lit-taxxi interni”* (fol. 65);

(d) Fil-31 ta’ Mejju 2007 il-konvenuti pprezentaw ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili (Kap. 16) (fol. 21) li biha nterpellaw lill-attur sabiex jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh;

(e) Fit-30 ta’ Gunju 2007 l-atturipprezenta din il-kawza sabiex igieghel lill-konvenuti jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh;

2. Din is-sentenza tittratta t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti li taqra:

***“Illi r-rikorrenti ma ghandux l-interess guridiku rikjest mil-ligi stante illi huwa issostitwixxa id-drittijiet tieghu fil-konvenju almenu in kwantu ghal nofs lil terzi persuni”*** (fol. 8).

Rilevanti sabiex tigi determinata din l-eccezzjoni huma l-ftehim li l-attur iffirma mal-konjugi Micallef (fol. 16) u l-konjugi Vassallo (fol. 67). F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(a) Dwar ic-cessjoni li saret bejn Kevin Zammit u konjugi Vassallo (fol. 67), l-attur isostni li l-ftehim hu difettuz ghaliex naqsu milli jidhru u jiffirmaw Philip u Josephine konjugi Micallef. Mill-provi jirrizulta li l-attur u l-konjugi Micallef kienu nteressati li jittrasferixxu d-drittijiet taghhom lil terzi u jaghmlu xi qligh min-negozju. Fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2008 l-attur (waqt il-kontro-ezami) xehed li, *“**Jiena kelli qbil ma’ Micallef illi jekk insib il-bejgh, anzi l-opportunita’ biex incedi d-drittijiet li kellna fuq il-konvenju, naghmel dan it-tip ta’ negozju**, pero’ qatt ma kellna ftehim dwar kemm kellu jibqa’ qliegh ghalina minn dan in-negozju. Micallef li kien jinteressah kien illi ncedu d-drittijiet taghna fuq il-konvenju u jibqaghlu xi qliegh. Micallef halla f’idejja biex ninnegozja, immexxi jiena. Qieghed nikkonferma illi l-ftehim ta’ cessjoni li jiena ghamilt ma’ Attard hu dak li hemm esebit kopja tieghu a fol. sebgha u erbghin (47) tal-process. Il-qliegh li kien ser jibqaghlna fil-but minn din ic-cessjoni kienet ta’ elf Lira Maltin (Lm1000). Nikkonferma illi jien u Micallef ma ridniex illi l-propjeta’ nixtruha f’isimna, pero’ kif diga spjegajt, ridna illi ninnegozjaw il-konvenju li kellna. Inzid ukoll li dak inhar tac-cessjoni, jew jista’ jkun xi granet wara, is-somma ta’ elf Lira Maltin (Lm1000) thallset lili minn Anthony Attard li akkwista d-drittijiet li kellna fuq il-konvenju”*. Il-Qorti

ghalhekk tifhem li l-attur kien awtorizzat li jidher ghan-nom tal-konjugi Micallef u li fil-fatt f'dak l-istadju kien qieghed jidher ukoll bhala mandatarju taghhom, minkejja li hu ma ddikjarax dan il-fatt mal-konjugi Vassallo u n-nutar Dr. Josianne Mifsud. Minn dan id-dokument il-Qorti qeghda tifhem li l-ftehim kien wiehed ta' cessjoni ta' jeddijiet fuq konvenju u mhux promessa ta' cessjoni ta' jeddijiet fuq konvenju. Ftehim li ma ghandu l-ebda effett in kwantu mill-provi rrizulta (ara xhieda tan-nutar Josianne Mifsud) li gie ffirmat f'Dicembru 2006 u qabel April 2007 ma giex registrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Ghamlet hazin in-nutar meta fuq inizjattiva personali taghha biddlet id-data tal-ftehim. Il-kopja ta' l-iskrittura ezebita fl-atti ghandha d-data tat-2 ta' April 2007, u n-nutar spjegat li poggiet din id-data ghaliex l-iskrittura ma gietx registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fit-terminu stabbilit mil-ligi. Affarijiet li fil-fehma ta' din il-Qorti m'ghandhom qatt isiru minn nutar pubbliku. Mat-trapass tat-terminu stabbilit mil-ligi, il-ftehim tilef il-validita' tieghu. Seta' biss jerga' jigi fis-sehh billi jsir ftehim iehor bil-miktub. Kif diga' gie osservat, il-Qorti hi tal-fehma li l-iskrittura ezebita a fol. 67 m'hijiex weghda ta' cessjoni ta' drittijiet fuq konvenju, izda cessjoni ta' drittijiet[1]. Skond l-Artikolu 5A2(d) ta' l-Att dwar it-Taxxa Fuq l-Income (Kap. 123):-

> Kull qligħ jew profitti derivati mill-assenjament ta' xi dritt li jkun inkiseb skond konvenju għall-bejgħ, inkluż konvenju għat-trasferiment ta' proprjetà immobbli bi kwalunkwe mod jew konvenju dwar enfitewsi, għandhom jitqiesu fil-każijiet kollha li jkunu qligħ jew profitti derivati minn sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni li jaqgħu taħt l-artikolu 4(1)(*a*): iżda biex jiġi stabbilit l-*income* totali li jkun ġej minn dak l-assenjament ma għandu jingħata ebda tnaqqis ħlief kif u safejn jista' jiġi preskritt.

Ghalhekk ic-cedent (f'dan il-kaz l-attur) kellu jhallas taxxa fuq it-trasferiment. Imbaghad, skond regolament 24 tar-Regoli dwar Taxxa fuq Trasferiment ta' Proprjeta (Avviz Legali 112 ta' 2006):-

---

[1] B'riferenza ghall-klawzola *"il-kuntratt finali ghandu jsir mhux aktar tard mill-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, elfejn u sebgha (2007)"* (fol. 67), ix-xhud spjegat li *"hawnhekk b'kuntratt finali kont qeghda nirreferi ghall-kuntratt ta' bejgh. Nizzilt din il-klawsola biex din tirrifletti dak li kien hemm fil-konvenju"* (fol. 65).

*"Id-disposizzjonijiet tar-Regoli dwar il-Qligh Kapitali dwar assenjazzjonijiet ta' drittijiet li jkunu gew akkwistati taht konvenju, inkluzi d-disposizzjonijiet li jistabbilixxu l-validità taghhom, it-tnaqqis li jista' jinghata sabiex jigu kalkolati l-qligh jew profitti derivati minnhom u l-hlas tat-taxxa provizorja, ghandhom japplikaw ghal assenjazzjonijiet ta' drittijiet li jaqghu taht l-artikolu 4(1)(a) ta' l-Att kif provdut fl-artikolu 5A(2)(d) ta' l-Att"*

F'regolament 9 tar-Regoli dwar il-Qligh Kapitali (Avviz Legali 5 ta' l-2005):

*"(1) Trasferiment ta' kull jedd akkwistat taht weghda ta' bejgh jew ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli jew xi jeddijiet fuq proprjetà immobbli, maghduda weghda ta' konçessjoni enfitewtika,* ***ma jkunx validu jekk ma jsirx permezz ta' ftehim bil-miktub iffirmat minn min jaghmel it-trasferiment u mill-persuna li lilha jsir it-trasferiment u jkun awtentikat minn nutar jew avukat u jekk ma jinghatax avviz tieghu lill-Kummissarju flimkien mal-hlas relattiv skond is-subregoli (2) u (3)***[2]***.***
*(2) L-avviz imsemmi fis-subregola (1) ghandu jigi ffirmat minn min jaghmel it-trasferiment u mill-persuna li lilha jsir it-trasferiment u awtentikat min-nutar jew l-avukat li jkun awtentika l-ftehim bil-miktub relattiv u ghandu jsir skond il-formola li hemm fl-Iskeda B li tinsab ma' dawn ir-regoli, u jkollu t-taghrif hemm hekk mehtieg;*

*(3) L-avviz imsemmi fis-sub-regola (2) ghandu jinghata lill-Kummissarju (Dipartiment tat-Taxxa fuq Trasferiment Kapitali) fi tliet kopji fi zmien wiehed u ghoxrin jum mill-ftehim bil-miktub relattiv u ma' l-ghoti ta' dak l-avviz ghandu jsir hlas ta' taxxa provvizorja ta' 7% tal-prezz ta' dak it-trasferiment"*.

Hu minnu li mill-provi rrizulta li wara li l-ftehim gie registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni (f'April 2007) u thallset is-somma ta' sebghin lira Maltija (Lm70)[3], kienu qeghdin

---

[2] Enfazi u sottolinejar tal-Qorti.
[3] Xhieda tan-nutar Dr. Josianne Mifsud – fol. 65; 7% tal-prezz ta' elf lira Maltija (Lm1,000).

isiru l-preparamenti sabiex jigi pubblikat il-kuntratt ta' bejgh bejn il-konvenuti u l-konjugi Vassallo (li ghalihom kien qieghed jidher Anthony Attard) u gie wkoll iffissat appuntament. Tant hu hekk li n-nutar Maria Vella Magro xehedet li *"Jiena kont nikkomunika ma' Kevin Zammit u kien hu li gharrafni illi l-post ser jixtruh Dolores Vassallo u Joseph Vassallo. Ghamilt appuntament ghall-wiehed u tletin (31) ta' Mejju biex jigu l-partijiet, fis-siegha (1:00) l-ufficcju tieghi...... Dr. Formosa giet biex tiffirma l-kuntratt ghan-nom tal-vendituri, Zammit"*[4] (fol. 70). Pero' mill-provi jirrizulta li l-avviz lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma nghatax fiz-zmien statutorju ta' wiehed u ghoxrin (21) jum mill-ftehim bil-miktub. Ghalkemm inghata avviz, dan kien xhur wara li gie ffirmat il-ftehim. Inoltre, rajna wkoll kif id-data tat-2 ta' April 2007 ma kienitx id-data li fih sar ftehim[5], izda hi data li n-nutar ghamlet fuq inizjattiva personali taghha meta l-ftehim kien diga' tilef il-validita' tieghu u minghajr ma gie ffirmat ftehim iehor. Ir-regolamenti fuq imsemmija huma ta' ordni pubbliku ghaliex huma ligijiet fiskali. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-ftehim ta' cessjoni li sar mal-konjugi Attard (fol. 67) m'huwiex validu u ma jista' jkollu l-ebda effett.

(b) Dwar il-ftehim li sar bejn l-attur u l-konjugi Micallef fil-5 ta' Settembru 2006 (fol. 16), dan gie redatt min-nutar Maria Vella Magro li fil-kors tax-xhieda taghha rriferiet ghalih bhala cessjoni. L-iskrittura ghandha wkoll titlu, ***"Cessjoni ta' drittijiet fuq konvenju"*** (fol. 16). Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2007 in-nutar Vella Magro ddikjarat, *"Nikkonferma ukoll illi fil-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) Kevin Zammit kien ceda d-drittijiet tieghu fuq il-konvenju ghal dak li jirrigwarda s-sehem ta' nofs indiviz lil Philip Micallef u lil martu Josephine Micallef"* (fol. 69). Anke meta xehed in kontro-ezami (seduta tal-25 ta' Jannar 2008), l-attur rega' ikkonferma li *"...meta morna ghand in-Nutar u ghamilt il-ftehim ma' Anthony Attard,* ***lin-Nutar ma qaghadx***

[4] Xhieda li nghatat fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2007.
[5] L-attur ma jsemmix data meta suppost sar dan il-ftehim (ara affidavit a fol. 39) ghalkemm ighid li dan sar *"xi ftit ta' zmien wara"* li sar il-ftehim tal-5 ta' Settembru 2006.

***nghidilha li hemm Micallef illi ghandu nteress f'dan in-negozju u li jiena kont cedejtlu nofs id-drittjiet li kelli fuq il-konvenju** li ghamilt ma' ta' Zammit"* (enfazi tal-Qorti). Fil-ftehim li gie ffirmat fil-5 ta' Awwissu 2006 jinghad li l-attur qieghed icedi hamsin fil-mija (50%) favur il-konjugi Micallef *"mid-drittijiet taghha kollha fuq il-flat..."* (fol. 16), meta f'dak l-istadju l-uniku drittijiet li l-attur kellu kienu fuq il-konvenju. Jinghad li *"il-kuntratt finali bejn ic-cessjonarju u cioe' l-Ewwel Parti u l-akkwirent jigifieri t-Tieni Parti* (hawnhekk jidher li thalliet barra l-kelma "isir") *sa mhux aktar tard mill-wiehed u tletin ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (31-05-2007) sabiex il-kuntratt finali jsir mill-ewwel mal-vendituri originali sabiex l-Ewwel Parti ma tehhilx spejjez zejda. Ghal kull buon fini u kjarezza qed jigi dikjarat illi in forza ta' dana l-ftehim, id-drittijiet fuq il-proprjeta fuq imsemmija jappartjeni lill-partijiet kif ser jinghad, u cioe' nofs (1/2) indiviz minn Kevin Zammit u nofs (1/2) indiviz mill-konjugi Philip u Josephine Micallef"*. Gialadarba fil-ftehim jinghad li qeghda ssir cessjoni ta' drittijiet, il-Qorti ma tifhimx x'kien l-iskop li jinghad li l-kuntratt finali bejn il-firmatarji (l-attur u l-konjugi Micallef) jsir sa mhux iktar tard mill-31 ta' Mejju 2007. Il-Qorti m'mhijiex tifhem li din l-iskrittura saret bhala weghda ta' cessjoni ta' drittijiet. Sahansitra, l-attur xehed[6] li l-ftehim kien wiehed ta' cessjoni; *"Fil-5 ta' Settembru 2006, Philip Micallef minn Haz Zebbug Malta dahal ghal hamsin fil-mija (50%) ta' dan in-negozju mieghi meta bi skrittura quddiem in-Nutar Maria Vella Magro* ***jien ghamilt cessjoni ta' 50% tad-drittijiet tieghi fuq dan il-konvenju.*** *Ic-cessjoni ta' drittijiet fuq dan il-konvenju qieghed jigi anness bhala Dok. KZ2"* (fol. 39). Hu evidenti li dan in-negozju sar sabiex l-attur jakkwista l-proprjeta' bi shab ma' Philip u Josephine konjugi Micallef u li jinnegozjawha flimkien u sahansitra fl-ahhar parti tal-iskrittura inghad li *"ghal kull buon fini u kjarezza qed jigi dikjarat illi in forza ta' dana l-ftehim, id-drittijiet fuq il-proprjeta fuq imsemmija jappartjeni lill-partijiet kif ser jinghad, u cioe' nofs (1/2) indiviz minn Kevin Zammit u nofs (1/2) indiviz mill-konjugi Philip u Josephine Micallef"* (fol. 17). F'dawn ic-cirkostanzi l-uniku nterpretazzjoni li

---

[6] Affidavit.

tista' tinghata hi li fir-realta dak il-ftehim kien verament wiehed ta' cessjoni ta' drittijiet. Negozju li seta' jsir in kwantu fil-konvenju tal-31 ta' Awwissu 2006 gie pattwit li *"il-kompratur ghandu d-dritt li jisostitwixxi lilu nnifsu b'terzi persuni fuq il-kuntratt finali in parti jew fl-intier"* (fol. 19).

Skond l-Artikolu 1471 tal-Kodici Civili (Kap. 16):-

*"Ic-cessjonarju ma jistax, kwantu ghat-terzi, jezercita l-jeddijiet lilu ceduti, hlief wara li c-cessjoni tkun giet imgharrfa lid-debitur b'att gudizzjarju, mic-cessjonarju nnifsu jew mic-cedent"*.

F'dan il-kaz ma jirrizultax li qatt saret tali notifika li trid il-ligi. Fil-kawza **Giuseppe Pulis vs Michele Demanuele** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Novembru 1994, gie osservat li *"Il-legislatur kien tant tassattiv f'materja ta' cessjoni jew assenjazzjoni ta' jeddijiet u krediti li jesigi mhux biss li ftehim bhal dan irid isir bil-miktub ad validitatem, imma jesigi wkoll in-notifika tieghu lil terz li jkollu interess permezz ta' att gudizzjarju"*. Hu minnu li l-Artikolu 1469 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi li *"ic-cessjoni jew bejgh ta' kreditu, ta' jedd, jew ta' azzjoni hija perfetta, u l-proprjeta' taghhom tigi akkwistata ipso jure mic-cessjonarju, hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz, u barra minn meta c-cessjoni tkun ta' jeddijiet trasferibbli bil-kunsinna tat-titolu, hekk kif isir l-att tac-cessjoni"*. Fil-fatt waqt it-trattazzjoni, id-difensur tal-konvenuti ghamlet riferenza ghal dan il-provvediment in sostenn tal-eccezzjoni li qeghda tigi trattata. Min-naha taghhom il-konvenuti qeghdin jistriehu fuq ic-cessjoni li saret bil-ftehim tal-5 ta' Settembru 2006 sabiex jargumentaw li l-attur m'ghandux interess guridiku. Madankollu, l-Artikolu 1472 tal-Kodici Civili jipprovdi li *"fin-nuqqas ta' dik it-taghrifa, jew sakemm dik it-taghrifa ma ssirx – (a) id-debitur ma jistax jeccepixxi c-cessjoni kontra l-kreditur tieghu, u jekk ihallas id-dejn lil dan il-kreditur, jigi mehlus minn dak id-dejn"*[7]. Mela sabiex ic-cessjoni jkollha effett bejn ic-cedent u c-cessjonarju jidher li m'hemmx

[7] *"In default of such notice, or until such notice is given - (a) the debtor may not set up the assignment against his creditor, and if he pays the debt to him he is thereby discharged"*.

bzonn accettazzjoni min-naha tad-debitur. Pero’ id-debitur jibqa’ estraneju ghal dak in-negozju jekk ma jigix notifikat skond il-procedura li titlob il-ligi u l-ligi stess tipprovdi li sahansitra ma jistax jecepixxi c-cessjoni fil-konfront tal-kreditur. Il-gurisprudenza lokali hi fis-sens li l-htiega tan-notifika tapplika wkoll fil-kaz ta’ konvenju[8]. Min-naha l-ohra pero’ l-Artikolu 1473 tal-Kodici Civili jipprovdi li *“it-taghrifa mhix mehtiega jekk id-debitur ikun accetta c-cessjoni”*[9]. L-accettazzjoni tista’ anke tkun bil-fomm (ara per ezempju kawza fl-ismijiet **Victor Pace nomine vs Antonio Terranova** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-12 ta’ Gunju 1953 – Vol. XXXVII.i.502). Ghalkemm fil-konvenju gie miftiehem li *“il-kompratur ghandu id-dritt jisostitwixxi lilu nifsu b’terzi persuni fuq il-kuntratt finali in parti jew fl-intier”,* din fiha nnifisha m’hijiex accettazzjoni imma sempliciment kunsens moghti preventivament mill-venditur sabiex il-kompratur icedi d-drittijiet[10]. Ovvjament, f’kaz ta’ cessjoni l-accettazzjoni min-naha tac-cedut taghti lok ghal certu konsegwenzi; *“....quando il debitore ceduto non avesse accettato la cessione, egli puo dedurre contro il cessionario non solo le eccezioni discendenti ex ipsa causa nominis, come nullita’, risoluzioni, rescissioni che toccano la sostanza originale del credito, le quali percio’ sarebbero opponibili anche in caso di sua accettazione della cessione, ma altresi’ tutt’altre eccezioni ex persona caedentis, dipendenti cioe’ da pagamenti, compensazioni, novazioni o remissioni del suo debito, tutte le volte che il fatto dal quale siffatte eccezioni prendono origine sia stato anteriore alla cessione ed alla intimazione della stessa”* (**Mifsud vs Vella** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Mejju 1920 (Vol. XXIV.i.522) u citata fil-kawza **Avukat Giuseppe Mizzi nomine vs Salvatore Tonna** deciza fl-4 ta’ April 1938 mill-istess Qorti). Ghalhekk wiehed ma jistax jasal biex ighid li l-kunsens tal-venditur sabiex il-kompratur

[8] Ara per ezempju **Anthony Cassar vs Bartolomeo Sammut** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-23 ta’ Ottubru 1989 u **George Borg vs John Debono** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ Frar 2003.
[9] Bl-istess mod taht il-ligi Taljana l-effikacja tac-cessjoni tiddependi espressament min-notifika jew mill-accettazzjoni (ara Artikolu 1264 tal-Kodici Civili Taljan).
[10] Skond l-Artikolu 2407 tal-Kodici Civili Taljan: *“Se una parte ha consentito preventivamente che l’altra sostituisca a se un terzo nei rapporti derivanti dal contratto, la sostituzione e’ efficace nei suoi confronti dal momento in cui le e’ stata notificata o in cui essa l’ha accettata”.*

ikun jista' jidhol f'negozju ma' terzi, hi l-accettazzjoni ta' cessjoni li jikkontempla l-Artikolu 1473. Ic-cessjoni hu l-ftehim li jsir bejn ic-cedent u c-cessjonarju, u l-accettazzjoni da parti tad-debitur cedut irid ikun ta' dak in-negozju partikolari. F'dan il-kaz tant ma kienx hemm accettazzjoni min-naha tal-konvenuti li permezz ta' l-ittra ufficjali prezentata fil-31 ta' Mejju 2007, nterpellaw biss lill-attur sabiex jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh. Kien biss wara li saret din il-kawza li l-konvenuti nvokaw, in sostenn tad-difiza taghhom, il-ftehim li sar fil-5 ta' Settembru 2006 bejn l-attur u l-konjugi Micallef. Il-konvenuti qeghdin jibbazaw id-difiza taghhom biss fuq il-fatt li l-attur ceda parti mid-drittijiet tieghu, u fl-ebda stadju ma ressqu l-argument li accettaw ic-cessjoni li saret permezz tal-iskrittura datata 5 ta' Settembru 2006. Pero' rajna kif fil-konfront tad-debitur cedut, ic-cessjoni wahedha m'hijiex bizzejjed.

Taht dawn ic-cirkostanzi m'hemmx dubju li l-attur ghandu l-interess guridiku essenzjali sabiex jaghmel din il-kawza. L-azzjoni kif proposta hi kapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz u utli ghall-attur. Fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Formosa vs Land Valuation Officer et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Marzu 1997, gie ribadit li: *"l-interess jingahd li huwa dirett, meta jkun personali jew tal-persuna rapprezentata, u cioe' meta jappartjeni lill-bniedem proprio jew minnu rapprezentat bhala privat, u mhux bhala cittadin jew membru tas-socjeta', barra mill-kazijiet eccezzjonali ta' l-azzjoni popolari. Jinghad legittimu meta huwa konformi ghad-dritt ta' min jaghmel il-kawza, u ma jridx jeccedi jew johrog mill-mizura tad-drittijiet tal-persuna li tkun qighda tagixxi sabiex jidhol u jinvadi l-isfera tad-drittijiet ta' haddiehor. Fl-ahharnett, l-interess irid ikun, kif intqal fuq, attwali, u cioe' jrid ikun jezisti fil-mument meta tigi proposta l-azzjoni, cio' jrid jirrigwarda l-prezervazzjoni ta' dritt li jkun diga' jezisti, anke jekk dak id-dritt ikun jiddependi minn xi kondizzjonijiet jew ikun jirrigwarda anke danni eventwali"*. Ghalhekk jirrizulta manifest l-interess guridiku ta' l-attur li jaghmel il-prezenti azzjoni biex bhala akkwirent prospettiv tal-fond meritu ta' din il-kawza, jitlob li l-Qorti ggieghel lis-sidien tal-fond (il-konvenuti) jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti ta’ nuqqas ta’ interess guridiku u fl-istess hin tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza.

Spejjez huma a karigu tal-konvenuta nomine.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------